Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 33/2002/1

**Jean Schembri**

**Vs**

**Jason Chetcuti**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf mija u sitta u sittin lira Maltija u tlieta u disghajn centezmu (Lm1,166.93), danni li garrab f'incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta' Jannar 2001 f'Valletta Road, Qormi meta kien involut f'incident tat-traffiku waqt li kien qieghed isuq il-mutur bin-numru EAD 395, u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru BAP 079.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fid-29 ta' Jannar 2001 sehh incident tat-traffiku gewwa Valletta Road, Qormi bejn mutur bin-numru EAD 395 (misjuq mill-attur) u vettura bin-numru BAP 079 (misjuqa mill-konvenut). Irrizulta li l-vetturi kienu qeghdin jinstaqu f'direzzjoni opposta ghal xulxin. Huwa fatt inkontestat li dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident hija ghad-dritt u t-triq hija wiesgha.

2. Il-kontendenti taw verzjonjiet kontrastanti ghal mod kif sehh l-incident. Filwaqt li l-attur ighid li kien il-konvenut li qasam il-karreggata u baqa' diehel fil-mutur, il-konvenut ighid li s-sewwieq tal-mutur tilef il-kontrol u qasam ghal fuq il-karreggjata minn fejn kien ghaddej hu.

Min irid jiggudika fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet.

3. Wara li t-Tribunal qies il-provi kollha, jemmen li l-verzjoni moghtija mill-attur hija iktar verosimili minn dik tal-konvenut. Kieku l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma bilancjati b'tali mod, li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tat-Tribunal favur tezi u mhux l-ohra, min ikun qieghed jiggudika ghandu jasal ghal konkluzjoni li l-attur ma jkunx ipprova l-kaz tieghu b'mod sodisfacjenti.

Fil-kaz in kwistjoni rrizulta li kien hemm persuna li rat l-incident issehh. Dan kien Stephen Farrugia (xehed fis-seduta tal-11 ta' April 2002) li kkonferma: *"Rajt Peugeot hadra gejja mid-direzzjoni opposta. Jiena din il-karrozza rajtha taqsam ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq…. Jiena l-*

*incident rajtu jsehh. Il-Peugeot kien diga' qasam in-naha l-ohra tat-triq, jigifieri il-lane li minnha kien ghaddej il-mutur misjuq mill-attur"* (fol. 35).

Il-posizzjoni li fiha jidhru l-vetturi fuq l-iskizz redatt mill-pulizija li nvestiga l-kaz, jaghti wkoll wiehed x'jifhem li l-incident sehh fuq in-naha l-ohra tat-triq mid-direzzjoni li kien qieghed isuq il-konvenut. F'dan ir-rigward il-konvenut xehed (seduta tal-4 ta' Lulju 2002): *"qieghed nigi muri l-isketch illi hemm a fol. 22 tal-process. Jiena naqbel mal-posizzjoni tal-vetturi kif murija fuq dan l-istess sketch"*. Il-vettura u l-mutur jidhru fil-karreggjata li minnha kien ghaddej l-attur. Dan il-fattur ikompli jsahhah il-fehma tat-Tribunal li l-incident sehh fuq in-naha l-ohra tat-triq minn fejn kien ghaddej il-konvenut. Fattur iehor huwa li fix-xhieda li ta l-konvenut ighid li huwa pprova jevita l-mutur billi *"dawwart l-isteering ghal fuq barra, in-naha tal-lemin"* (seduta tal-4 ta' Lulju 2002), filwaqt li fil-verzjoni moghtija lill-ufficjali tal-pulizija li nvestiga l-kaz ma jissemma xejn minn dan. Mhux l-istess ghall-verzjoni tal-attur li fiha jinghad li: *"He added that he tried to avoid it but to no avail"*. Fil-fatt l-attur spjega fil-kors tax-xhieda tieghu kif ipprova jevita l-vettura tal-konvenut izda ma rnexxielux.

4. It-Tribunal jemmen li l-manuvra li ghamel il-konvenut kienet il-kawza prossima ta' l-incident, u ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli. Ma jidhirx li kien hemm xi kontributorjeta min-naha ta' l-attur.

5. Dwar id-danni reklamati, l-avukat tal-konvenut iddikjarat (fol. 20) li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf mija u sitta u sittin lira Maltija u tlieta u disghajn centezmu (Lm1,166.93) danni sofferti minnu fl-incident tat-trafiku li sehh fid-29 ta' Jannar 2001 gewwa Valletta Road, Qormi u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut. L-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**